**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta’ Frar, 2016**

**Rikors Nru: 1192/2015 AF**

**Alfred Borg ghan-nom tas-socjetà ACB International Limited (C-2584)**

**vs**

**Wigi Micallef f’ismu propju u ghan-nom tas-socjetà Denisons Properties Limited (C-32653)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Wigi Micallef f’ismu propju u ghan-nom tas-socjetà Denisons Properties Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti biex:

Tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1917/15LM fl-ismijiet A.C.B. International Limited (C2584) vs Denisons Properties Limited (C32653) u dan ai termini tal-Artikolu 863 subinciz (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836 subinciz (8) u (9) tal-Kap. 12 fil-konfront tas-sekwestranta.

Alternattivament jekk l-ewwel zewg talbiet ma jintlaqghux, tordna lis-sekwestranta taghti garanzija idonea fil-ligi sabiex taghmel ghall-ispejjez u d-danni li qed isofrri r-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Alfred Borg.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, r-rikorrenti, kemm personalment, kif ukoll ghan-nom ta' Denisons Properties Limited qed jitlob it-thassir ta' mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom it-tnejn fl-ammont ta' €232,937:

> *"rapprezentanti ammont depozitat skond konvenju datat 31 ta' Lulju 2013."*

Ir-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu fuq il-provvedimenti tal-Art. 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li testwalment jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minn jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tibda biex tinnota li Wigi Micallef personalment ma kienx firmatarju tal-konvenju de quo, fejn huwa deher biss bhala rapprezentant tas-socjetà Denisons. Ma ngabet lill-Qorti ebda hjiel ta' raguni li twassalha tqis lil Wigi Micallef responsabbli personalment ghall-flejjes depozitati.

Il-Qorti tikkunsidra wkoll illi l-pretensjonijiet tal-kreditrici f'din il-vertenza huma kawtelati ukoll b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ammont ta' €745,399.36, liema mandat qieghed

jikkawtela kull dritt li jista' jkollha A.C.B. International Company Limited. Inoltre, kif sostniet din il-Qorti fid-digriet taghha tad-19 ta' Awwissu 2015, il-proprjetà immobbli ghadha pjenament f'idejn il-kreditur, u hu ghandu b'hekk l-aqwa garanzija.

Finalment, il-Qorti tinnota wkoll illi l-ammont reklamat jinsab depozitat f'idejn Nutar, ufficcjal pubbliku u b'hekk m'ghandu jkun f'ebda riskju.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Wigi Micallef f'ismu propju u ghan-nom tas-socjetà Denisons Properties Limited u thassar il-mandat ta' sekwestru 1917/15LM. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba peress illi ma jezistux ic-cirkostanzi li jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-provvedimenti citati.

L-ispejjez jithallsu minn Alfred Borg ghan-nom tas-socjetà A.C.B. International Limited.

IMHALLEF